**Fil-Bord li Jirregola l-Kera**

**Magistrat Dottor Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur (EU Law)**

**Rik Nru 5/20 SG**

**Stefanotis Company Ltd (C-8784)**

**Vs**

**Joseph Calleja (338047M)**

**Illum 27 ta' Frar 2020**

Il-Bord

Ra r-rikors guramentat ta' Stefanotis Company Ltd ipprezentat fl-14 ta' Jannar 2020 fejn il-Bord intalab li:

*i.* *Jiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola t-tigdid tal-kiri ta' bini;*

*ii.* *Jordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dan il-Bord jizgombra mill-garaxx numru tnejn (2) Triq San Pietru, Imdina, u jirritorna lill-esponenti c-cwievet kollha ta' l-istess;*

*iii.* *Jikkundanna wkoll lill-intimat ihallas lill-esponent danni in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni illegali fit-termini tal-ligi bir-rata ta' EUR 100 fix-xahar jew somma ohra verjuri li dan il-Bord jista' jiddetermina b' effett mill-20 ta' Awissu 2019 sad-data tac-cediment tal-fond.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

*B' rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponenti skond il-ligi nkluz ghall-ispejjez kollha tas-servizzi fil-fondi sad-data tal-izgumbrament u ghal kwalsiasi danni ohra sofferti minnu bi htija tal-intimat.*

Ra illi ntlahaq ftehim bejn il-partijiet ai termini ta' transazzjoni ffirmata fl-24 ta' Frar 2020 u ezebita fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020.

Ra l-istess ftehim ta' transazzjoni fejn il-partijiet ftehmu li:

1. *Illi l-kerrej qieghed jammetti t-talbiet tas-sid u jaccetta li jizgombra mill-garaxx b' dan illi qed jigi miftiehem illi c-cwievet u l-pussess vakant ghandhom jigu mghoddija lis-sid sa mhux izjed tard mill-31 ta' Marzu 2020. Il-partijiet jaqblu li ghandha tithalla tinghata sentenza fil-parametri ta' dana l-ftehim.*
2. *Illi s-sid qieghed jirrinunzja ghal kwalsijasi arretrati ta' kera filwaqt li ghandu d-dritt jizbanka kwalsijasi cedola/i li jista' jkun hemm fir-registru tal-Qorti.*
3. *Illi l-kerrej ghandu jhallas it-taxxa ta' spejjez u drittijiet li ghandha tigi mahduma come ammessa.*
4. *Illi mill-bqija l-partijiet jaghtu kwittanza shiha u assoluta lil xulxin ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

**Decide**

Ghaldaqstant, in vista ta' din it-transazzjoni u peress illi l-partijiet talbu sentenza a tenur ta' l-istess transazzjoni, il-Bord jiddeciedi l-kawza billi in vista tat-transazzjoni fuq citata, qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel u t-tielet talba filwaqt li qed jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti fis-sens li l-intimat ghandu sal-31 ta' Marzu 2020 sabiex jizgombra mill-garaxx numru tnejn (2), Triq San Pietru, Imdina u ghandu jirritorna c-cwievet kollha tal-istess garaxx lir-rikorrenti sal-31 ta' Marzu 2020. A tenur ta' l-istess transazzjoni, qed jordna li t-taxxa ta' spejjez u drittijiet ghandha tigi mahduma come ammessa u li l-istess taxxa ta' spejjez u drittijiet ghandha tigi mhallsa mill-intimat.

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Registratur